MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta ta' l-14 ta' Ottubru, 2009

Citazzjoni Numru. 337/2009

Perit Mariello Spiteri
vs.
1. Neville Spiteri
2. Michelle Spiteri mart l-istess Neville Spiteri u ghal kull interess li jista' jkollha bhala kompartecipi fil-komunita` ta' l-akkwisti mieghu, ta' El Shaddai, Triq il-Balaguer, Balzan; u
3. Venille Co Ltd

Il-Qorti,

**A. RIKORS:**
Rat ir-rikors tar-rikorrent li bih espona:

1. Illi l-konvenuti huma debituri lejn l-attur fis-somma ta' erbatax-il elf u tlieta u disghin ewro u centezmu (€14,093.01), dovuta (a) kwantu ghal sebat elef seba' mija u sitta u sebghin ewro u sitta u tletin centezmu (€7776.36) skond rikjesta ta' pagament bin-numru "000330" datata 10 ta' Awissu 2007 (kopja dokument "A" annessa mar-rikors),

u (b) kwantu ghal sitt elef tlett mija u sittax-il ewro u hamsa u sittin centezmu (€6316.65) skond rikjesta ta' pagament bin-numru "000504" datata 6 ta' Gunju 2008 (kopja dokument "B" annessa mar-rikors), u dan kollu dwar servizzi professjonali rezi mill-attur fuq inkarigu tal-konvenuti Neville Spiteri u Venille Co Ltd oltre` ghal *VAT* relattiv;

2. Illi nonostante li gew debitament interpellati sabiex jersqu ghall-hlas ta' l-ammont dovut, u dan ukoll permezz ta' ittra interpellatorja datata 19 ta' Jannar 2009 li vera kopja taghha giet annessa mar-rikors u immarkata bhala dokument bl-ittra "C", il-konvenuti xorta wahda baqghu inadempjenti;

3. Illi l-ammont dovut huwa dejn cert, likwidu u li ghalaq, u sa fejn jaf id-dikjarant il-konvenuti m'ghandhomx eccezzjonijiet x'jaghtu kontra t-talba attrici;

4. illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza;

5. illi l-fatti hawn dikjarati d-dikjarant jaf bihom kollha personalment;

Ghaldaqstant ir-rikorrent talab lill-Qorti:

(1) tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-attur is-somma ta' erbatax-il elf u tlieta u disghin ewro u centezmu (€14,093.01);

(2) tiddeciedi skond it-talba, bid-dispensa tas-smigh tal-kawza.

Bl-ispejjez kollha, komprizi dawk ta' l-ittra interpellatorja datata 19 ta' Jannar 2009, u bl-imghaxijiet bl-oghla rata permessa mil-ligi mid-dati ta' hrug tar-rikjesti ta' pagament rispettivi sad-data tal-pagament effettiv, ilkoll kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni taghhom.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**B. PROVI:**

Rat li l-intimati debitament notifikati skond il-ligi mghajtin tliet darbiet ma dehrux u ma deher hadd ghalihom.

**C. KONKLUZJONIJIET:**

Illi ghalhekk it-talba tar-rikorrent tidher gustifikata u l-Qorti filwaqt li qed tiddeciedi l-kawza bid-dispensa tas-smigh qed tilqa’ l-istess talba u qed tikkundanna lill-intimati jhallsu lir-rikorrent is-somma ta’ €14,093.01.

Bl-ispejjez kollha, komprizi dawk ta’ l-ittra interpellatorja datata 19 ta’ Jannar 2009, u bl-imghaxijiet bl-oghla rata permessa mil-ligi mid-dati ta’ hrug tar-rikjesti ta’ pagament rispettivi sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-intimati.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------